MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2014

Numru. 415/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**Alfred Schembri**

**Kumpilazzjoni Nru: 415/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Alfred Schembri, ta' 23 sena, bin Alfred u Theresa nee' Briffa, imwieled Pieta' nhar it-23 ta' Settembru, 1990 u residenti fil-fond St.Rita, Triq il-Kus, Birzebbugia u detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 459490(M).

Akkuzat talli:

a. Talli nhar it-23 ta' April, 2014 ghal habta ta' 20:00hrs fejn il-pitch tal-Waterpolo, Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe' PC 1166 Luca Grasso, fil-waqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita kompetenti;
b. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxi jew ibezza' fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe' fuq il-persuna ta' PC 1166 Luca Grasso.
c. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna griehi volontarji ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 1166 Luca Grasso, u dan skond kif iccertifika Dr.Christian Camilleri M.D Reg.No 5412 mill-Poliklinika tal-Furjana;
d. Aktar talli fl-istess data, hin u lok xjentement issporima jew b'xi mod iehor qered jew biddel it-tracci jew l-indizji ta' reat;
e. Aktar talli fl-istess data, hin u lok ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija.
f. Aktar talli fl-istess data, hin u lok ikkommetta reat waqt li kien taht ordni (Kap 446 Art. 22) moghtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Magistrat Dr.N.Galea Sciberras LLD nhar l-24 ta' Ottubru, 2013, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat l-artikoli 95, 96, 112(2), 221, 221(1)(c) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda tal-prosekuzzjoni.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu hlif ghall-ewwel wahda u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunisdra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dikjarazzjoni ta'l-ufficjal prosekutur li l-ewwel zewg imputazzjonijiet ingiebu bhala alternattiva ghal xulxin.

Semghet it-tratazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu hlif ghall-ewwel wahda; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi l-prosekuzzjoni ddikjarat  li l-ewwel zewg imputazzjonijiet ingiebu bhal alternattiva ghall xulxin; la darba l-imputat ammetta t-tieni imputazzjoni l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta'l-ewwel imputazzjoni.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu; qed tiehu in konsiderazzjoni ukoll l-ammissjoni tieghu ghalkemm f'dan l-istadju tal-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta'l-ewwel imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 95, 112(2), 221, 221(1)(c) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija u multa ta' tmien mitt Euro (€800), in oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 qed taghzel li titratta ma'l-imputat ghar-reat li tieghu instab hati f'l-24 ta' Ottubru 2013 daqs li kieku ghadu kemm instab hati ta' dak ir-reat u tikkundannah multa ta' erbgha mija u sebghin Euro (€470); l-imsemmija multi ghandhom jithallsu fi zmien sitt xhur.

**DR. DOREEN CLARKE**

**MAGISTRAT**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------